MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 90/2002/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-*Bank* attur fit-28 ta' Jannar, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' attrici *Bank of Valletta p.l.c.* ikkoncediet *"Loan Facility"* lill-konvenuti Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo;

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo fis-somma ta' erbgha u sittin elf, mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sitta u sebghin

centezmu (Lm64,146.76) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo mal-*Bank of Valletta p.l.c.* (Dok *"A1 sa A4"*) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Jannar, 2001, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok *"B"*, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tikkundanna lil Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf, mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm64,146.76) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo mal-*Bank of Valletta p.l.c.* (Dok *"A1 sa A4"*) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Jannar, 2001 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra l-istess konvenuti mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok, dan kien self fejn ma giex stipulat f'kemm zmien ghandu jithallas ghalkemm sogget ghall-interessi. *Kwindi* l-azzjoni hija kjarament intempestiva peress li f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta japplikaw ir-regoli taht artikolu 1078 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigi lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Bla pregudizzju ghas-sueccipit, *in konsonanza* ma' dak li tghid il-ligi u s-sentenzi *in materja* (ara decizjoni PA (AJM) Carmel Mifsud kontra Joseph D'Amato deciza fid-19 ta' Mejju, 2000), *una volta* ma gietx stipulata id-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu ghall-pagament, il-*Bank* attur ma jistghax jitlob is-somma kollha f'daqqa, izda biss il-pagamenti li lahqu mmaturaw, jekk kien hemm ftehim li jsiru pagamenti ratejali. *Kwindi* sa fejn jirrigwarda t-talba formolata, din ghandha tigi rigettata.

3. Bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-imghaxijiet ghandhom jibdew jigu kalkolati mill-gurnata tad-data tal-ittra ufficjali, f'kaz li kienet validament notifikata u mhux mill-1 ta' Ottubru, 2001 kif qieghed jintalab fl-azzjoni odjerna. *Di piu'* ir-rata ta' imghax giet kalkolata b'rata oghla minn dik li tippermetti l-ligi u kwalunkwe *bank charges* saru bi ksur tal-ligi. *Kwindi* ghandhom jitnaqqsu l-imghaxijiet eccessivi u l-*bank charges* li huma forma ohra ta' imghax ececssiv.

4. Fil-mertu it-talbiet huma privi minn kull fondament fattwali u guridiku.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-konvenuti kienu talbu li jinghataw diversi flus b'self minghand il-*Bank of Valletta plc.* Ghal-bidu, is-somma ta' flus rikjesta kienet ta' Lm30,000, u inharget mill-*Bank sanction letter* biex tapprova dan is-self. Wara dan, il-konvenuti kellhom bzonn ta' ammonti ohra, u wara

li t-talba taghhom giet ikkonsidrata favorevolment mill-*Bank* attur, inharget *sanction letter* ohra ghas-somma globali (jigifieri, li tikkomprendi wkoll s-self ta' Lm30,000 moghti originarjament) ta' Lm57,610. Ghalkemm din is-*sanction letter* kellha tigi segwita b'kuntratt pubbliku biex il-kundizzjonijiet tas-self u l-garanziji moghtija jkunu riflessi f'att pubbliku li jkun jista' jigi insinwat, fil-fatt tali kuntratt ma sarx. Din is-*sanction letter*, datata 19 ta' Settembru, 2000, hija iffirmata miz-zewg konvenuti *"signifying your agreement to the contents thereof"*.

Minn dan id-dokument jirrizulta li l-flus inghataw lill-konvenuti b'titolu ta' self, li l-hlas lura ta' dejn kellu jsir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru, 2001, fuq is-somma mislufa kellhom jithallsu imghaxijiet ta' 5.75% fis-sena, u f'kaz li s-self ma jithallasx lura f'gheluq sena minn meta kien dovut, l-imghax jizdied b'1% ohra.

Mis-suespost ghandu jidher car li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti huma ghal-kollox infondati. L-ewwel eccezzjoni hi bazata fuq il-premessa *"li dan kien self fejn ma giex stipulat f'kemm zmien ghandu jithallas"*, mentri jirrizulta li dan is-self kellu jithallas lura f'data specifika, u *cioe'* fit-30 ta' Settembru, 2001; *kwindi* l-artikolu 1078 tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

Bit-tieni eccezzjoni jinghad illi *una volta* ma gietx stipulata id-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu ghall-pagament, il-*Bank* ma jistax jitlob is-somma kollha f'daqqa. Dan il-principju, *pero'*, japplika f'kaz li jkun hemm ftehim li jsiru pagamenti ratejali (ara <u>"Mifsud vs D'Amato"</u>, decisa minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2000); f'dan il-kaz, *pero'*, ma hemmx ftehim li s-self jinghata lura b'pagamenti ratejali, izda kellu jinghata lura f'gurnata specifika u kollu f'daqqa.

It-tielet eccezzjoni, hi maqsuma f'zewg partijiet. Fl-ewwel parti jinghad li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jigu kalkolati mill-gurnata tal-ittra ufficcjali, u mhux mill-1 ta' Ottubru, 2001, kif mahduma mill-*Bank* attur. Is-self *in kwistjoni*, *pero'*, hu ta' natura kummercjali, u kien inghata lill-konvenuti biex jixtru lukanda gewwa l-Belt u biex ikunu jistghu jissettiljaw pendenzi li kellhom ma diversi kredituri

taghhom, liema kredituri kienu jirreferu ghal-negozju li kien qed jaghmel il-konvenut. La darba d-dejn hu wiehed kummercjali, l-imghaxijiet jitqiesu dovuti *ipso uire* minn meta d-dejn kellu jithallas lura. Peress li d-dejn kellu jithallas lura sat-30 ta' Settembru, 2001, ghamel tajjeb il-*Bank* attur li beda jikalkula l-imghax mill-1 ta' Ottubru, 2001.

Fit-tieni parti tat-tielet eccezzjoni, l-konvenuti qed isostnu li r-rata tal-imghax giet kalkolata b'rata oghla minn dik li tippermetti l-ligi. Fuq dan, il-Qorti tosserva li, bis-sahha ta' ligijiet specjali, banek kummercjali jistghu jiccargjaw imghaxijiet b'rata oghla minn dak koncess ghall-obbligazzjonijiet civili u kummercjali semplici, *pero'*, min-naha l-ohra, meta l-facilita' tkun wahda ta' self, il-*Bank* ma jistax jikalkula imghax fuq imghax (imghax komposti) jekk mhux strettament kif kontemplat fil-Kodici Civili. Dan kollu gie spjegat u analizat minn din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza <u>"Bank of Valletta plc vs Muscat"</u>, decisa fis-6 ta' Mejju, 2004, u *a skans* ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dik id-decisjoni *in sostenn* tal-argument taghha li, f'kaz ta' self, *Bank* kummercjali jrid jikalkula l-imghaxijiet b'mod semplici u mhux komposti, kif kienet il-prattika bankarja. Din il-Qorti, fil-fatt, iddirigiet lill-*Bank* attur sabiex jressaq *statement* tal-kont tal-konvenuti mahdum sa mill-bidu nett bis-sistema ta' imghaxijiet semplici. Dan l-ezercizzju wassal biex is-somma dovuta tonqos minn Lm64,146.76. kif mitluba, ghal Lm63,076.09.

Ghar-rigward tal-*bank charges* dawn huma permessi u la l-konvenuti accettaw li jhalsuhom, hekk ghandhom jaghmlu .

Ghal-qbija it-talbiet attrici huma gustifikati. Il-fatt li l-konvenut issellef il-flus ghax kien f'negozju ma' certu Joseph Cassar, u li dan tal-ahhar ha l-flus hu, irid jarha l-konvenut mal-istess Joseph Cassar. Ghal-fini ta' din il-kawza, ir-relazzjoni interna bejn il-konvenut u dan Cassar hi irrilevanti peress li, fil-konfront tal-*Bank* attur, kien il-konvenut li iffirma d-dokumenti u hu legalment responsabbli ghar-rifusjoni tas-self.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi previa li tilqa' *in parte* it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' *in parte* it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-*Bank* attur is-somma ta' Lm63,076.09 (tlieta u sittin elf, sitta u sebghin liri Maltin u disa' centezmi), bilanc ghad-debitu fil-*loan account* taghhom, bl-imghax patwit mill-1 ta' Ottubru, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------